## KUNSILL LOKALI ISLA

## IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU TNAX

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar is-Sibt 1 t'Ottubru, 2005 fis-6.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| Skużati: | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Kuntratt Skrivana tal-Kunsill.
(4) Tender Paving and Resurfacing.
(5) Sistema gdida ta' l-ilma – Gnien il-Gardjola.
(6) Konferenza fl-Isla – Town Twinning.
(7) Malta Historic Cities Festival fl-Isla.
(8) Qualicities – Toledo
(9) Esibizzjoni – Seville
(10) Information Map – Approvazzjoni
(11) Attività fl-okkazjoni taz-zjara tar-Regina.
(12) Rapport Finanzjarju.
(13) Hlas ta' Pagamenti.

Din il-laqgħa tal-Kunsill kienet avżata li kellha issir nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru fis-6.30pm. Pero' minħabba nuqqas ta' quorum (kienu preżenti għall-laqgħa s-Sindku u l-Viċl Sindku biss), is-Sindku sejjaħ il-laqgħa għall-għada is-Sibt 1 ta' Ottubru, 2005.

## 12 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Tressqu għall-approvazzjoni l-Minuti tal-laqgħat Numru 10 u Numru 11.

12(1) .1 Is-Sindku Joseph Casha ressaq dawn il-korrezzjonijiet għall-laqgħa Numru 10.

Pagna 6, 04 /2042/05/I

L-aħħar paragrafu 'Għalhekk ma' sa flok Kalaxlokk', jidħol wara 'ħlasijiet oħra….x'jagħmel.'

12(1).2 Paġna tmienja 10(3) 1, fl-aħħar tas-sentenza jidħol dan 'wara li il-Kunsill jkun ħa pariri legali x'jista jsir u xi drittijiet għandu il-Kunsillier f'dan il-każ.'

12(1) .3 Dawn il-korrezzjonijiet ġew approvati nem.com.

12(1) .4 Għaldaqstant fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva unanimament li l-Minuti tal-laqgħat tal-Kunsill Numru 10 u 11 jiġu koretti.

12(10 .5 Arising Matters.

*04/1970/05/I* Talba għall-ħruq tan-nar

Wara l-inċident li kien inqala fit-8 ta' Settembru 2005 waqt il-ħruq tan-nar fuq is-Sur ta' San Mikiel, il-Kunsill sejjer jitlob kopja tar-rapport li il-pulizija għamlu dwar dawn l-inċidenti.

## 12 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

12(2) .1 Parlament taż-żgħażagħ. - 15 ta' Settembru 2005

Is-Sindku Joseph Casha attenda għall-sessjoni tal-Parlament taż-Żgħażagħ li saret fil-Kamra tal-Parlament : iż-żewġ żgħażagħ mill-lokal, Ramon Mangion u Sara Grech ħadu sehem attiv fid-diskussjoni li saret waqt din is-sessjoni.

12(2) .2 Laqgħa mal-Queen's Own Band Club – 16 ta' Settembru 2005

Is-Sindku Joseph Casha għamel laqgħa fis-sala tal-Każin tal-Banda, fejn ġew diskussi l-preparamenti li hemm bżonn isiru fis-Sala fejn sejra tiġi organizzata l-Konferenza Town Twinning.

12(2) .3 Pada Builders – 22 ta' Settembru 2005

Fuq qbil tal-Kunsill, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Patrick Dalli Managing Director ta' din il-kumpanija.

Billi l-offerti tagħhom kienu l-eqreb waħda wara dik tal-Calbros saret talba minn naħa tas-Sindku biex huma jbaxxu l-offerta tagħhom. Jiidher li hemm ċans li l-offerta tagħhom tonqos bil-5%.

12(2) .4 DVD dwar l-Isla

Il-Kunsill għadu kif ikkummisjona DVD dwar il-lokal ta' l-Isla bil-għan li dan iservi ta' sors ta' tagħrif dwar il-kultura, l-istorja u l-ħajja soċjali ta' l-Isla.

Dan id-DVD sejjer ikun b'żewġ lingwi, bil-Malti u bl-Ingliż.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv raw l-aħħar verżjoni ta' dan id-DVD li sejjer jiġi preżentat nhar is-Sibt 8 ta' Ottubru waqt il-programm li qed jittella bħala parti mill-proġett Town Twinning li qed jittella bejn it-8 ta' Ottubru u l-10 ta' Ottubru 2005 fl-Isla.

12(2) .5 Kumitat tar-Rijabilitazzjoni tal-Kottenera – 23 ta' Settembru 2005

Saret laqgħa ta' dan il-Kumitat, liema laqgħa, is-Sindku Joseph Casha ma' setax jattendi minħabba li kien imsiefer fuq xogħol tal-Kunsill.

12(2) .6 Transline Company Ltd.

Dan il-kuntrattur li bħalissa qed jagħti servizz ta' ġbir ta' skart domestiku, fit-tlett ibliet talab biex il-kuntratt preżenti jiżi estiż għal sena oħra b'żieda fil- prezz ta' 5% fuq dak li hemm.

Il-Kunsill ippropona li din it-talba tiġi diskussa flimkien maż-żewġ Kunsilli l-oħra (il-Birgu/Kalkara) qabel ma tittieħed deċiżjoni.

12(2) .7 Senglea Singers Festival

Il-Kunsill qabel u laqa' t-talba biex jagħti donazzjoni ta' Lm25 lill-din l-għaqda għall-ħidma tagħhom f'din l-attività.

12(2) 8 Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn il-31 ta' Awwissu, u d-29 ta' Settembru, 2005 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/2153/05/I* Joint Committee Cooperation Agreement

Il-Kunsill qabel li japprovah.

*04/2175/05/I* Tagħrif dwar bliet Ingliżi

Il-Kunsillier Louis Henwood bagħat tagħrif dwar il-bliet ta' Cardiff u Salisbury.

*04/2230/05/I* Rapport ta' Effiċjenza mill-Kunsilli Lokali – Ġonna Pubbliċi

Rapport dwar Ġonna Pubbliċi li sar mid-Dipartiment għal Gvern Lokali.

*04/2239/05/I* Fondazzjoni Eden – Eden Fest'05

Stedina biex il-Kunsill jieħu sehem fi programm li sejjer jittella' mill-Eden Foundation fil-25 ta' Settembru 2005 – Eden Fest. Il-Kunsill qabel li jagħti donazzjoni ta' Lm 30.

*04/2256/05/I* Kiri tas-Sala tal-Kunsill

Il-Kunsill approva it-talba tal-familja Micallef għal kiri tas-sala għat-2 ta' Ottubru 2005.

*04/2278/05/I* Malta Historic Cities Festival

Programm tal-Malta Historic Cities Festival 10 – 16 t'Ottubru 2005 b'mod speċjail l-attivita' li sejjer issir fl-Isla fis-7 ta' Ottubru.

*04/2306/05/I* Memo 20/2005.

Dipartiment għal Gvern Lokali dwar mistoqsija parlamentari 13781 / 14060.

*04/2316/05/I* Stedina għal Konferenza

Il-Kunsill kien mistieden biex jieħu sehem f'konferenza 'The Commonwealth, Europe & African Development' li għandha titella fis-17 ta' Ottubru 2005.

*04/2321/05/I* Talba għal għajnuna Finanzjarja – Skola Primarja, Isla

Il-Kap ta' l-iskola Don Mauro Inguanez fl-Isla, qabel mal-proposta tal-Kunsill li it-talba li għamlu għall-ħlas tal-ktieb "Ħrejjef Mediterranji" , jitħallsu fi tlett darbiet u jitniżżrel li ġie sponsorjat mill-Kunsill.

*04/2348/05/I* Kumitat Konġunt dwar Devoluzzjoni tad-Dawl - Harbour District

Tqajmet il-kwistjoni tal-Contract Manager li mhux fil-lokalitajiet, fejn hemm ukoll li mhux iħallas għal dan is-servizz. Issemmiet ukoll il-kwistjoni tad-devoluzzjoni ta' l-arbli tad-dawl fejn ġie deċiż li l-Kunsill jidħol responsabbli biss ma' dawk li huma fi stat tajjeb.

*04/2389/05/I* Proġett "Il-Kunsilli Lokali u ċ-Ċittadini"

Il-Kunsill huwa mgħarraf mid-Dipartiment għal Gvern Lokali li sejjer jiġi mnidi proġett 'Il-Kunsill Lokali u iċ-Ċittadin' li sejjer jieħu post "Sebbaħ Pajjiżek". Il-Kunsill qabel li jieħu sehem.

*04/2393/05/I* Linji ta' Gwida dwar skemi ta' MManiġġjar tat-Traffiku"

Rapport dwar linji ġodda dwar skemi ta' mmaniġġjar tat-traffiku u xi jrid jagħmel il-Kunsill.

*04/2408/05/I* "Biex int tgħix Aħjar"

Laqgħa li sejra issir fis-Sala tar-Razzett tal-Ħbiberija nhar it-12 t'Ottubru 2005.

*04/2404/05/I* Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera - Minuti

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Ministru ma' approvax it-talba tal-Kunsill għal sponsorship ta' Lm 250 għall-Mappa ta' Nformazzjoni li l-Kumitat kien diġa approva.

12(2) 9 Bulk Refuse

Il-Kunsill qabel li il-Bulk Refuse jibda jsir kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u l-Ġimgħa.

12(2) 10 Ħlasijiet tat-Telephone

Il-Kunsill qabel u approva il-ftehim mal-Maltacom dwar ħlasijiet ta' kontijiet tat-telephone fil-Kunsill.

## 12 (3) Kuntratt ta' Skrivana tal-Kunsill

Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill li l-kuntratt ta' l-iskrivana ġie ffirmat kif approvat fil-laqgħa tal-Kunsill Numru 11 li saret apposta biex jiġi approvat il-mili ta' dan l-impjieg.

## 12 (4) Tender Pavement & Resurfacing Works

(1) Wara li CatBros ma aċċettax li jagħmel ix-xogħol, il-Kunsill mexxa fuq l-anqas offerta li ntbagħtet. (04/2378/05/I)

(2) Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara l-laqgħa li saret fit-22 ta' Settembru 2005, Pada Builders qablu li flok 2% jagħti 5% roħs fuq l-offerta oriġinali tagħhom (kopja mehmuża). (04/2402/05/I)

(3) Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Viċi Sindku, Walter Ahar, il-Kunsill approva l-offerta ta' Pada Builders u sejjer jitlob lill-Perit Mintoff biex jagħti tifsira għad-differenza bejn dak li kkwota l-perit u dak mitlub mill-kuntrattur.

## 12 (5) Ġnien tal-Gardjola – Sistema ta' l-ilma

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar u l-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva biex issir sistema ta' irrigazzjoni fil-Ġnien tal-Gardjola għall-ammont ta' Lm500 + VAT (kopja mehmuża).

## 12 (6) Konferenza fl-Isla – 'Town Twinning'

(1) It-tħejjijiet għal din il-Konferenza għadhom għaddejin. Minn dak li rċevejna jidher li l-parteċipazzjoni barranija sejra tlaħħaq madwar 39 persuna. Qed isir sforz biex dan in-numru jitla' aktar.

(2) Il-programm reġa' ġie aġġornat.

(3) Il-Kunsill qabel li mal-lista tal-mistednin li diġa' saret jiġu miżjuda dawn li ġejjin : Joseph Abela, Fabian Mangion / Stephania Vella / Nadia Theuma / is-Sindki tat-Tletti Ibliet / Ex-Kunsillieri.

(4) Il-Kunsill approva biex il-catering għal din il-konferenza jsir minn James Caterers.

## 12(7) Malta Historic Cities Festival fl-Isla.

(1) It-tħejjijiet għal dan il-Festival mtella mill-MTA waslu fi tmiemhom.

Il-Kunsill ħa ħsieb l-armar u d-dawl fi Triq il-Vitorja. Dan id-dawl u l-armar sejjer jinżamm u jintuża għat-tiżjin tat-toroq għal żmien il-Festi tal-Milied. Hekk il-Kunsill ikun qed jiffranka l-ispejjeż.

## 12(8) Qualicities – Toledo (04/2320/05/I)

(1) Minħabba x-xogħol u l-impenn li għandu l-Kunsill fl-okkażjoni tal-konferenza Town Twinning, il-Kunsill qabel li ma jieħux sehem f'din is-sessjoni tal-proġett li għandha issir bejn il-11 u t-13 ta' Ottubru 2005 f'Toledo, Spanja.

(2) Saret talba għall-ħlas ta' spejjeż li d-delegazzjoni mill-Kunsill għamlet meta attendiet l-ewwel laqgħa ta' dan il-proġett f'Arles.

## 12(9) Esebizzjoni f'Sevillia. (04/2334/05/I)

Il-Kunsill approva biex is-Sindku jattendi għal din l-esebizzjoni wara li saret l-istedina mid-Delta Project. Sejrin jattendu wkoll is-Sindki tat-Tlett Ibliet tal-Kottonera.

## 12(10) Information Map – Approvazzjoni

Is-Sindku ppreżenta proof copy tal-mappa ta' Informazzjoni dwar l-Isla hekk kif ġiet upprintjata. Il-Kunsill approva biex din issir.

## 12(11) Żjara tar-Reġina – Attivitajiet għall-Okkażjoni

12(11).1 Laqgħa mal-British High Commision – 20 ta' Settembru 2005 (04/2394/05/I)

Fuq stedina tal-Kummissjoni Għolja Ingliża stess saret laqgħa miegħu fil-Kummisjoni Għolja Ingliża f'Ta' Xbiex. Għaliha attendew is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Huwa semma tlett punti, il-Konferenza dwar Town Twinning li kellha titella nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru 2005 fil-Hotel Phoenicia.

(i) Ħidma mill-qrib li l-Isla jistà jkollha mal-belt ta New Haven fi Plymouth.

(ii) Vista tar-Reġina f'Malta f'Ottubru 2005.

Is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u il-Kunsillier Louis Henwood attendew għall-konferenza filwaqt li l-għada 29 ta' Settembru 2005, is-Sindku u s-Segretarju attendew għal one to one interviews fiċ-Chamber of Commerce.

Saret laqgħa wkoll mar-rappreżentant ta' l-amministrazzjoni ta' New Haven fejn ġie diskuss kif jistgħu jsiru proġetti flimkien fil-futur.

12(11).2 *Żjara tar-Reġina f'Malta*

Il-Kummisjoni Għolja Ingliża f'Malta pproponew biex issir attività fl-Isla jew x'imkien fit-Tlett Ibliet. Huma approvaw ix-xewqa li din l-attività issir fl-Isla billi waqt iż-żjara tar-Reġina fil-21 ta' Novembru 2005, sejjer ikun hemm fil-port l-HMS Illustrious li għandha konnessjoni kbira ma' l-Isla.

Din l-attività tistà tkun tikkonsisti billi l-kaptan ta' l-HMS Illustrious jgħati ġieh lill-Monument tal-Gwerra u li l-Banda Navali ta' l-HMS Illustrious tgħati kunċert, jew f'xi pjazza fl-Isla jew ġewwa xi bini jekk ikun il-maltemp.

Jkun apprezzat jekk issir esebizzjoni ta' ritratti ta' żmien il-gwerra u wara ssir bibita għall-bandisti u għall-mistiedna speċjali.

Is-Sindku ssuġerixxa li jsir kumitat ta' Azzjoni biex jieħu ħsieb iħħeji l-implimentazjoni ta' dawn il-proposti.

## 12(12) Rapport tas-Sitwazzjoni Finanzjarja tal-Kunsill

Dan sejjer jitressaq fil-laqgħa li jmiss.

## 12(13) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva il-pagamenti li jammontaw għal Lm 9, 077.34ċ.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fis-8.35pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |